MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 583/2001/1

**Emmanuel Camilleri**

**Vs**

**Paul u Doris konjugi Agius u Janet Agius**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Gunju 2001 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta' Lm871.27 (tmien mija u wiehed u sebghin Liri Maltin u seba` u ghoxrin centezmu) rapprezentanti xogholijiet ta' plumbing u elettriku go propjeta` tal-konvenuti.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas is-somma ta' tmien mija wiehed u sebghin Lira Maltin u seba` u ghoxrin centezmu 9Lm871.27) rapprezentanti xogholijiet ta' plumbing u elettriku ezegwiti

fuq inkarigu tal-konvenuti f'zewg (2) maisonettes u garage f'Burmarrad propjeta` tal-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 16 ta' Lulju 2001.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Fl-ewwel lok ix-xogholijiet ghadhom ma tlestewx mill-attur.
2. Fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub fl-avviv huwa eccessiv ghax-xoghol illi sar
3. Ix-xogholijiet illi saru mhux skond l-arti u s-sengha
4. Il-konveuti diga hallsu parti sostanzjali mill-ammont mitlub fit-talba
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti,inkluz ir-rapporti teknici.

Ikkonsidra:

Jirrizulta ampjament mid-dokumentazzjoni esibita mill-partijiet in-nuqqas ta' qbil dwar x-xoghol maghmul u kif susspost gie imhallas. Lanqas ma hemm qbil fuq il-valur tieghu. Hija nkomprensibbli ghat-Tribunal kif jista` jkun li ma hemmx qbil fuq il-valur u l-pagamenti li suppost saru la cheque li huwa prova fih nnifsu ta' pagament diment dejjem li ssarraf. Jekk il-hlas isir fi flus kontanti ma tithallix ricevuta, allura tigi krejata konsiderazzjoni ohra. Min jallega pagament irid jippruvah.

Il-konvenuti fix-xhieda taghhom jallegaw li ma jiftakrux kif kien jithallas izda semplicement li ma nghatax ricevuta. Fuq appositament hekk li ma hemmx qbil dwar pagament f'kontanti.

Tibqa d-differenza ta' tlett mija u wiehed u sebghin lira u seba' u ghoxrin centezmu (Lm371.27). L-ammont ta' mija u erbgha u tletin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm134.86) gie likwidat mill-perit tekniku bhala spejjes

biex isir xoghol mill-konvenuti. L-istess konvenuti jallegaw illi l-ammont minnhom dovut huwa ta' mija u disa` Liri Maltin (Lm109). Bejn naha li tippretendi ammont u n-naha l-ohra tippretendi li thallas iehor u bil pretensjonijiet reciproci jkunu dokumentati t-Tribunal jirrikorri ta' bilfors biex jasal ghall-ammont bilancjali talvolta ghadhu dovut lill-attur ghall-ekurita. Di fatti l-ligi li stabbilit dan it-Tribunal tistipula "ad loc".

It-Tribunal huwa tal-fehma li s-somma ta' hames mitt lira (Lm500) hija dovuta. Oltre dan mill-bilanc ta' tlett mija wiehed u sebghin Lira Maltin (Lm371), jithallas biss mitt lira maltin (Lm100). Id-differenza taghmel/tajjeb ghall-ispejjes li jridu jsiru.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici ghas-somma ta` sitt mitt Lira Maltin (Lm600), jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti sal-ammont ta' sitt mija (Lm600). In vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjes ghandhom jithallsu in kwantu ghal-zewg terzi mill-konvenuti u terz mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------